MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 289/2008

**A B**
**vs**
**C D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet huma mizzewgin; u li dan iz-zwieg huwa null peress li l-kunsens matrimonjali taghhom kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-ligijiet ta’ Malta; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null iz-zwieg bejn il-partijiet; bl-ispejjez

Rat li l-konvenuta, debitament notifikata, ghazlet li tibqa’ kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavit prezentat;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-6 ta’ Lulju 2002, stante li l-kunsens matrimonjali taghhom kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati, mehudin alternattivament.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fis-6 ta’ Lulju 2002, meta allura l-attur, cittadin Malti, kellu 25 sena u l-konvenuta, cittadina Ngliza, kellha 21 sena, u wara li l-partijiet kienu ilhom xi zmien johrogu flimkien, b’ intervalli minhabba li kienu joqghodu f’ pajjizi differenti. Wara konvivenza ta’ circa seba’ snin il-partijiet isseparaw de facto.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jirrizulta mhux kontraddett li matul il-konvivenza matrimonjali l-attur kien ftit jaghti attenzjoni lill-konvenuta allura martu. Huwa kien mhedi, jew ahjar ossessjonat, bil-passatempi tieghu, li huma l-arti, ricercka storika, jikteb il-kotba u jgemma’ antikitajiet u armi antiki. Huwa kien jintefa’ fl-istudju tieghu li kellu fil-basement u kien iqatta’sieghat twal. Konsegwenza ta’ dan, il-konvenuta kien ihossha njorata minn zewgha, u ghalhekk kien jinqala’ hafna glied bejniethom matul iz-zwieg. Din is-sitwazzjoni aggravat meta l-attur kien wera’ lill-konvenuta li hu ma riedx tfal fiz-zwieg, tant li l-att taz-zwieg dejjem sar bi prekawzzjoni  minn naha tieghu. L-attur jammetti li hu kien egojist u kien mohhu biss f’ dak li kien joghgob lilu, u lilu biss, u jinjora x-xewqat ta’ martu.

Fl-affidavit tieghu jammetti li hu qatt ma’ kien “the family-type-of-man” u li kien izzewweg biss fuq suggeriment ta’ omm-il konvenuta li kienet qaltlu li b’ hekk setghu jiffrankaw hafna vjaggar.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-kwadru premess jirrizulta manifest li l-kunsens matrimonjali ta’ l-attur kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu

[f] ta' l-artikolu precitat, stante li, minkejja li l-attur esternament ghadda minn cerimonja ta' zwieg, izda nternament u b' att pozittiv tal-volonta' tieghu huwa eskluda obbligi essenzjali taz-zwieg, senjatament dawk tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reripcoku u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Il-komportament tieghu matul il-konvivenza matrimonjali, dominat mill-egojizmu tieghu, kien ta' ostakolu serju sabiex il-partijiet jizviluppaw bejniethom hajja ta' komunjoni u ta' mhabba.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur, u tiddikjara li z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-6 ta' Lulju 2002 huwa null u nvalidu fil-ligi.

L-ispejjez ikunu a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------